

31999R0124

21.1.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 16/19

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 124/1999

ta' l-20 ta' Jannar 1999

li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 1589/87, (KEE) Nru 429/90, (KEE) Nru 1158/91, (KEE) Nru 3378/91, (KEE) Nru 3398/91 u (KE) Nru 2571/97 rigward il-limitu taż-żmien għas-sottomissjoni ta' l-offerti.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1587/96⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(6), l-Artikolu 7(5), l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 7a(1), l-Artikolu 7a(3) u l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Billi r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1589/87 tal-5 ta' Ġunju 1987 dwar il-bejgħ bl-offerti tal-butir lill-aġenziji ta' l-intervent⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 455/95⁽⁴⁾, (KEE) Nru 429/90 tal-20 ta' Frar 1990 dwar il-konċessjoni b'sejħa għall-offerti ta' għajnuna lill-butir ikkonċentrat maħsub għall-konsum dirett fil-Komunità⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 417/98⁽⁶⁾, (KEE) Nru 1158/91 tat-3 ta' Mejju 1991 dwar ix-xiri għall-ħażna bl-offerti ta' trab tal-ħalib xkumat lill-aġenziji ta' l-intervent⁽⁷⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 569/96⁽⁸⁾, (KEE) Nru 3378/91 tal-20 ta' Novembru 1991 li jstabbilixxi regoli ddettaljati għall-bejgħ tal-butir mill-ħażniet ta' l-intervent għall-esportazzjoni u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 569/88⁽⁹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1802/95⁽¹⁰⁾, (KEE) Nru 3398/91 tal-20 ta' Novembru 1991 dwar il-bejgħ b'sejħa għall-offerti ta' trab tal-ħalib xkumat għall-fabbrikazzjoni tal-għalf kompost u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 569/88⁽¹¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2080/96⁽¹²⁾, u (KE) Nru 2571/97 ta' l-15 ta' Diċembru 1997 dwar il-bejgħ tal-butir bi prezzijiet imnaqqsa u l-konċessjoni ta' għajnuna għall-krema, il-butir u l-butir ikkonċentrat għall-użu fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti mill-pastiċċiera, il-ġelati u oġġetti ta' l-ikel⁽¹³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1982/98⁽¹⁴⁾, jiffisaw disposizzjonijiet proviżorji dwar il-proċeduri għall-offerti li jinkludu limiti taż-żmien; billi mogħti t-naqqis fl-attività ekonomika matul Awissu, kien jagħmel sens

illi għal Awissu ta' 1998 jinbidlu l-limiti taż-żmien għas-sottomissjoni ta' l-offerti skond ir-Regolament (KE) Nru 2571/97; billi l-esperjenza miksuba tindika x-xewqa li dan l-aġġustament jintgħamel permanenti u li tinħareġ sejħa waħda biss għall-offerti għax-xahar ta' Awissu skond kull wieħed mir-Regolamenti msemmija hawn fuq; billi jekk il-limitu taż-żmien għas-sottomissjoni ta' l-offerti jinzerta jaqa' f'jum ta' btala, għar-raġunijiet tas-suq, għandu, minnflok, jiġi spustat għall-jum preċedenti tax-xogħol;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Maniġerjali tal-Ħalib u Prodotti mill-Ħalib,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-test ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1589/87, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 429/90, l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1158/91, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3378/91, l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3398/91 u l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 2571/97 huma hawnhekk mibdula b'dan li ġej:

“Il-limitu taż-żmien għas-sottomissjoni ta' l-offerti bi tweġiba għas-sejħiet individwali għall-offerti għandu jkun nofs in-nhar (ħin ta' Brussel) tat-tieni u r-raba' nhar ta' Tlieta tax-xahar għajr għat-tieni nhar ta' Tlieta ta' Awissu u r-raba' nhar ta' Tlieta ta' Diċembru. Jekk it-Tlieta tkun btala pubblika l-limitu taż-żmien għandu jkun nofs in-nhar (ħin ta' Brussel) tal-jum preċedenti tax-xogħol.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.⁽²⁾ ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 21.⁽³⁾ ĠU L 146, tas-6.6.1987, p. 27.⁽⁴⁾ ĠU L 46, ta' l-1.3.1995, p. 31.⁽⁵⁾ ĠU L 45, tal-21.2.1990, p. 8.⁽⁶⁾ ĠU L 52, tal-21.2.1998, p. 18.⁽⁷⁾ ĠU L 112, ta' l-4.5.1991, p. 65.⁽⁸⁾ ĠU L 80, tat-30.3.1996, p. 48.⁽⁹⁾ ĠU L 319, tal-21.11.1991, p. 40.⁽¹⁰⁾ ĠU L 174, tas-26.7.1995, p. 27.⁽¹¹⁾ ĠU L 320, tat-22.11.1991, p. 16.⁽¹²⁾ ĠU L 279, tal-31.10.1996, p. 15.⁽¹³⁾ ĠU L 350, tal-20.12.1997, p. 3.⁽¹⁴⁾ ĠU L 256, tat-18.9.1998, p. 9.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel fit-2 ta' Jannar 1999.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membri tal-Kummissjoni
